MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1722/2001/1

**Citaz Nru: 1722/01 JA.**

**Corinne Ramsay u Christianne Ramsay Pergola.**

**-vs-**

**John Bugeja, Philip, Maryanne, u Julian Bugeja.**

**Il-Qorti;**

Il-Qorti rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mill-atturi fit-30 t' Ottubru, 2001 li permezz taghha ppremettew:

Illi b' kuntratt f' l-atti tan-Nutar Dottor Jeanette Laferla Saliba tal-14 ta' Jannar 1985, kopja ta' liema hi hawn ezibita u markata Dokument A Joseph John Scicluna Testaferrata

Mortoni Viani kien allegatament f’ l-esercizzju tal-poter ta’ nomina moghtija lilhu bil-proklama tal-Gran Mastru de Vilhena ippretenda li jinnomina fit-titolu ta’ Baruni ta’ Tabrija lill-Lilian sive Lilliananina Bugeja u b’ l-istess att ippretenda li jivvaka u jirrinunzja ghall-istess titolu lillhu kompetenti;

Iilli b’ att iehor (dokument B) maghmul f’ l-istess jum li huwa ircieva b’ self minghand John Bugeja is-somma ta’ Lm8000 liema somma fil-fatt ma kellhiex tigi restitwita lura lilhu billi kienet tirrapresenta pagament ghat-trasferiment tat-tiolu fuq imsemmi;

Iilli susegwentement l-istess Joseph John Scicluna kien b’ testment tieghu innomina bhala werrieta tieghu lill-attrici Chritianne Ramsay Pergola u bhala successura fit-titolu tieghu lill-ohthu l-attrici Corinne Ramsay;

Illi skond l-istess proklama tal-Gran Mastru de Vilhena (hawn ezebita u markata Dokument C) kien biss possibili ghall-detentur tat-titolu li jinnomina successuri fit-titolu ghall-wara il-mewt tieghu u mhux tul il-hajja tieghu kif huwa ippretenda li jaghmel fil-kuntratt tal-14 ta’ Jannar, 1985;

Illi fi kwalsijasi kaz il-kuntratt tal-14 ta’ Jannar, 1985, Dokument A, konteneti dikjarazzjoni testamentarja, gie superat u kellu l-effikacja tieghu mnehhija bit-testmenti u nomini sussegwenti li l-istess Joseph John Scicluna ghagbhu jaghmel;

Illi l-kuntratt tal-14 ta’ Jannar, 1985 jikser u jmur konta l-politika pubblika ta’ Malta, billi fost hwejjeg ohra jippretendi li jkun disposizzjoni testamentarja irrevokabbili kif ukoll billi jittratta dwar materja li ma’ tistax tkun soggetta ta’ tali att pubbliku, u ghalhekk huwa irritu u null;

Illi l-istess Lillianina Bugeja mietet u halliet warajha lill-konvenuti bhala eredi u successuri taghha;

Ghalhekk jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li, fid-dawl tac-cirkostanzi premessi l-att tal-14 ta' Jannar, 1985, hawn ezebit u markat Dokument A u null u bla effet ghaliex imur kontra d-dritt u politika pubblika ta' Malta u billi fi kwalsijasi kaz gie rexiss u revokat bid-disposizzjonijiet testamentarji sussegwenti, bl-ispejjez u b' l-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa minn Corinne Ramsay fit-30 t' Ottubru, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fl-1 ta' Frar, 2002 li permezz taghha eccepiet:

1. Preliminarment:

(a) Illi dina l-Qorti ma ghandiex gurisdizzjoni ghaliex that l-Artiklu 29 (4) Cap 251 hija inibita milli tidhol fl-allegata invalidita' ta' kuntratt ta' nomina ta' titolu ta' nobilta' stante li tali indagini tkun qeghda tirrikonoxxi jew timplika il-possibilita' ta' rikonnoxximent tal-istess titolu;

(b) Illi l-eccipjenti John Bugeja ghandu jigi liberat mid-domandi stante li mhux eredi jew sucessur fit-titolu ta' Lilianina Bugeja Viani; di fatti, m' hemm ebda domanda li tirrigwarda l-kuntratt Dok B, u hu kien parti unikament f' dak il-kuntratt;

(c) Illi l-attrici Christianne Ramsay Pergola ghandha tipprova l-interess guridiku taghha peress li ma jirrizultax li ghandha interess fit-titolu ta' nobilta' in kwistjoni;

(d) Illi ghalkemm fic-citazzjoni giet numerata domanda wahda biis, fil-fatt hemm zewg domandi distitnti u separati, wahda ghan-nullita' inizjali, u l-ohra ghar-rexxissjoni in subordine;

2. Fil-mertu u minghajr pregudizzju:
Illi t-talba ghal dikjarazzjoni li l-kuntratt citat tal-14 ta' Jannar 1985 (Dok A) huwa null u bla effett hija infondata fil-fatt u fil-ligi stante li:

(a) Joseph John Scicluna Testaferrata kellu kull dritt jinnomina lil Lilianina Bugeja Viani fit-titolu ta' Baruni ta' Tabrija bis-sahha ta' kuntratt nutarili *inter vivos* u dina n-nomina bl-ebda mod ma tista' titqies bhala disposizzjoni testamentarja;

(b) l-proklama tal-Gran Mastru de Vilhena ma tghid imkien li tali nomina tista' biss permess ta' testament u jkollha effett biss wara l-mewt tad-detentur precedenti, liema detentur ghandu kull dritt jirrinunzja ghat-titolu meta u kif irid;

(c) subordinatament, fi kwalunkwe kaz, l-istess Joseph John Scicluna Testaferrata kien ikkonferma in-nomina favur Lilianina Bugeja Viani tal-istess titolu fl-ewwel Artiklu tat-testment sigriet tieghu maghmul fl-14 ta' jannar 1985 u pubblikat minn Nutar Dr Tonio Spiteri fit-28 ta' Novembru 1995, (kopja Dok BV1) liema testatment jew artiklu ma kienx gie revokat sakemm miet fis-6 ta' Gunju 1995. Di fatti, l-atturi ma ezibew l-ebda testament revokatorju.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa minn Philip Bugeja fl-1 ta' Frar, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

Rat l-atti processwali n-noti tal-osservazzjoni tal-konvenuti.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti trid tiddeciedi dwar jekk ghandhiex gurisdizzjoni li tisma l-kawza minhabba il-provvediment tal-artiklu 29 (4) tal-Kap.251 tal-Ligijiet ta' Malta illi jghid illi ebda ufficjal jew awtorita pubblika ma tista tirrikonoxxi bl-ebda mod u ma jaghmel xejn illi jista jfisser rikonoxximent ta' xi titolu ta' nobilita'.

In effetti l-atturi qed jitolbu n-nullita' ta' kuntratt pubbliku li sar fl-14 ta' Jannar 1985 in atti Nutar Jeanette Laferla Saliba illi permezz tieghu Joseph John Scicluna Testaferrata Moroni Viani innomina fit-titolu ta' Baruni ta' Tabrija lil Lilianina Bugeja, illum mejta u omm il-konvenuti. L-atturi qed isostnu li l-imsemmi Joseph John Scicluna Testaferrata Moroni Viani ma kellhux setgha jaghmel dan u in effetti stulfikia l-effett ta''dan l-att permezz ta' l-ahhar disposizzjonijiet testamentarji tieghu.

Il-konvenuti permezz tal-eccezzjonijiet taghhom qed isostnu illi in effetti, jekk il-Qorti tindaga dwar in-nullita' tal-kuntratt imsemmi tkun qed tirrikonoxxi indirettament it-titolu ta' nobilita'. L-atturi fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom qed jghidu illi huma qeghdin biss jitolbu dikjarazzjoni ta' nullita' tal-kuntratt.

Wiehed mill-ewwel jinduna li l-argument tal-atturi huwa wiehed li jaqa' fil-*petitio principii* jew kif jghidu bl-ingliz, *they*

*are begging the question*. L-effett tad-dikjarazzjoni mitluba mill-atturi hu in effett li l-Qorti tiddetermina min ghandu d-dritt li jsejjah lilu nnifsu Baruni ta' Tabrija. Dan meta l-*mens legis* wara l-Kap 251 hu wiehed car. Il-legislatur ghamilha cara li ma' jibqax jirrikonoxxi titoli ta' nobilta' u ried ukoll illi ebda awtorita' pubblika ma' tibqa' tiehu konjizzjoni taghhom. Ma jikkoncerna xejn lis-socjeta' li wiehed isejjah lilu nniffsu Baruni jew Konti ta' fejn irid, u certament ma ghandhux jikkoncerna lill-Qorti. L-atturi stess jekk iridu, ghandhom kull dritt isejjhu lilhom infushom dak li jridu minghajr hadd ma jinvoka l-intervent tal-Qorti dwar dan. Hu car li l-legislatur ma jridx li l-organi pubblici jahlu l-hin taghhom dwar vertenzi simili.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u ghalhekk tiddikjara li ma ghandha ebda gurisdizzjoni tiddeciedi dwar it-talba tal-atturi, bl-ispejjes jigu sopportati mill-atturi u tillibera l-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------